# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 40/2018 MH**

**Illum, 29 ta' Jannar, 2020**

**Catherine Spiteri [Karta ta' l-Identita` Numru 822245M]**

**vs**

**Innocenzo sive Luzio Spiteri [Karta ta' l-Identita` Numru 0209149M] u b'digriet tal-4 ta' Frar 2019 stante l-mewt tal-istess Innocenzo sive Luzio Spiteri l-atti ġew trasfużi f'isem Carmelo Micallef (K.I. Nru 342162M)**

**Il-Qorti**

Rat **ir-rikors ġuramentat** ta' l-attriċi tal-20 ta' Frar 2018 li permezz tiegħu esponiet:

***<u>"Dikjarazzjoni tal-Fatti</u>***

1. *Illi permezz ta' Sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivili [Sezzjoni tal-Familja] fit-28 ta' Ottubru 2010 [Ċitazzjoni Numru 1461/1996] fl-ismijiet* **Catherine sive Katie Spiteri vs Innocenzo sive Lucio Spiteri** *[***Dok. A***], ġiet ippronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u inter alia, ġiet terminata u likwidata l-komunjoni ta' akkwisti eżistenti sa dakinhar bejn il-partijiet.*

2. *Illi ma kien sar l-ebda appell minn din is-Sentenza li għalhekk għaddiet in ġudikat.*

3. *Illi fost l-ordnijiet li għamlet l-Onorabbli Qorti Ċivili [Sezzjoni tal-Familja] fl-imsemmija Sentenza, il-konvenut Innocenzo Spiteri ġie ordnat iħallas lill-attriċi l-ammont rappreżentanti nofs l-imgħaxijiet perċepiti sa minn Ġunju 1998 sad-data tal-preċitata sentenza fuq il-kont bankarju sekwestrat bil-mandat numru 2013/1998 [kopja legali ta' dan il-Mandat esebita bħala* **Dok. B***] mas-soċjeta` Bank of Valletta plc, u dan stante illi ġie dikjarat li l-attriċi għandha dritt għan nofs dan l-ammont.*

4. *Illi inoltre, rigward il-pensjoni perċepita mill-konvenut mid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali u miżmuma minnu, il-Qorti fl-imsemmija Sentenza ordnat illi nofs l-ammont ta' dan il-pensjoni perċepit mill-konvenut mill-24 ta' Jannar 1997 'sad-data tal-preċitata sentenza jitħallas mill-intimat lill-attriċi stante illi ġie dikjarat li din il-pensjoni tifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet.*

***Ir-Raġuni tat-Talba***

5. *Illi b'danakollu, in vista tal-fatt illi l-ammonti li l-Qorti fl-imsemmija Sentenza ordnat illi għandhom jitħallsu mill-konvenut lill-attriċi, kif appena premess, ma kienux ġew likwidati sad-data tat-terminazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti l-istess Sentenza, l-attriċi ma setghetx tenforza l-ordni tal-Qorti mogħtija fl-istess Sentenza biex tikseb il-ħlas ta' l-ammont li l-konvenut ġie ordnat li jħallasha in linea ta' sehemha mill-pensjoni u l-imgħaxijiet kif fuq premess.*

6. *Illi l-konvenut, permezz ta' ittra uffiċjali datata 12 ta' Awwissu 2016 (**Dok. C**) u lilu notifikata, ġie debitament interpellat iħallas lill-attriċi l-ammonti kollha minnu dovuti skond l-ordnijiet mogħtija fis-Sentenza tat-28 ta' Ottubru 2010, iżda baqa' inadempjenti u għalhekk l-attriċi kienet kostretta illi tipproċedi b'din l-istanza, ħalli l-ammont lilha dovuti jistgħu jiġu debitament likwidati u mħallsa lilha.*

7. *Illi dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza ta' l-attriċi.*

***It-Talbiet***

*Igħid għalhekk il-konvenut għaliex dina l-Qorti ma għandhiex, previa dikjarazzjoni li l-attriċi għandha dritt għal sehemha mill-imgħaxijiet u pensjoni skond kif ordnat fis-Sentenza tat-28 ta' Ottubru 2010 fl-ismijiet **Catherine sive Katie Spiteri vs Innocenzo vs Luzio Spiteri**, u previa kull dikjarazzjoni u provvediment ieħor neċessarju u opportun:-*

1. *Tillikwida l-ammont rappreżentanti nofs l-imgħaxijiet perċepiti fuq il-kontijiet bankarji sekwestrati bil-mandat numru 2013/1998 mas-soċjeta` Bank of Valletta plc, minn Ġunju 1998 sat-28 ta' Ottubru 2010 ossia d-data tat-terminazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ġja` eżistenti bejn il-partijiet;*
2. *Tillikwida l-ammont rappreżentanti nofs il-pensjoni perċepit mill-konvenut mid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali, mill-24 ta' Jannar 1997 sat-28 ta' Ottubru 2010;*
3. *Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attrci l-ammonti hekk likwidati permezz ta' l-ewwel u t-tieni talba.*

*Bl-ispejjeż u imgħaxijiet legali kontra l-konvenut li jibqa' minn issa inġunt għas-subizzjoni."*

Rat illi l-konvenut debitament notifikat[1] ma ntavola ebda risposta u għalhekk ġie kontumaċi.

Rat illi sussegwentement l-istess konvenut ġie nieqes u l-atti ġew trasfużi f'isem Carmelo Micallef.

Rat il-provi mressqa mill-attriċi.

Rat l-atti tal-proċeduri allegati mal-proċess odjern *Rik Nru 1461/96 Catherine sive Katie Spiteri vs Innocenzo sive Lucio Spiteri* deċiżi fit-28 t'Ottubru 2010.

[1] Fol 196

Rat illi minkejja li l-konvenut, fuq talba tiegħu stess, ingħata terminu biex iressaq is-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub[2] huwa baqa' inadempjenti.
Rat illi l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Il-kawża odjerna hija għall-kanonizzazzjoni ta' kreditu li l-attriċi tippretendi li għandha dritt għalih in segwitu għal sentenza Rik Nru 1461/96 fl-ismijiet **Catherine sive Katie Spiteri vs Innocenzo sive Luzio Spiteri** deċiża fit-28 t'Ottubru 2010 permezz ta' liema ġiet pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Spiteri u ġew regolati l-effetti konsegwenzjali tal-istess. Ebda appell ma kien sar u għalhekk tali sentenza saret *res judicata*.

Il-Qorti tissottolinea li nonostante l-fatt li l-konvenut baqa' kontumaċi l-attriċi xorta jeħtiġilha tipprova l-pretensjonijiet tagħha sal-grad rikjest mill-liġi. Infatti kontumaċja mhijiex meqjusa bħala ammissjoni iżda kontestazzjoni tal-pretensjonjiet attriċi u xorta għalhekk jinkombi fuq l-Qorti li tezamina t-talba mressqa u tara li din ġiet pruvata sal grad li trid il-liġi

Fil-każ **Helen Miceli et vs Carmelo sive Charles Pisani deċiż fit-28 t'Ottubru 2004**[3] il-Qorti qalet hekk -

*"Illi, kif ġie deċiż minn dawn il-Qrati għadd ta' drabi, il-kontumaċja m'għandhiex titqies bħala stqarrija jew ammissjoni min-naħa tal-imħarrek għal*

[2] Seduta tal-11 t'Ottubru 2019 a fol 337
[3] Ċit 1761/01

*dak li jkun qiegħed jintalab jew jiġi allegat kontrih mill-parti attriċi: għall-kuntrarju, il-kontumaċja tqieset bħala kontestazzjoni, u l-bdil li sar fil-ligi procedurali fl-artikolu 158 bl-Att XXIV tal-1995 jidher li jtenni din il-fehma. Min naħa l-oħra, l-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba tal-parti attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għamil li jistħoqqlu piena - dik li ma jkunx jista' jindaħal fit-tressiq ta' provi - bħala element ta' disordni soċjali;"*

Kompla jingħad hekk fil-każ **Carmel Schembri et vs Doriane Zerafa deċiż fit-12 ta' Lulju 2001**[4] –

*"Illi huwa prinċipju bażilari fil-ġurisprudenza nostrali li min jallega fatt għandu l-oneru tal-prova tiegħu, u applikat dan il-prinċipju għall-każ odjern ifisser li l-atturi għandhom il-piż li jippruvaw li l-konvenuta kienet responsabbli tal-inċident tal-1 ta' Novembru 1997 f'Triq Gużè Pace, il-Ħamrun, meta il-minuri Anthony Schembri safa' investit mill-karozza BAT-563.*

*Illi dan l-istess atturi għandhom l-oneru li jagħmluh nonostante li l-konvenuta baqgħet kontumaċi, stante li l-kontumaċja ma hijiex ammissjoni iżda opposizzjoni, u għalhekk xorta l-atturi jridu jipprovaw l-allegazzjonijiet minnhom vantanti u partikolarment li l-inċident de quo ġara minħabba negliġenza da parte tal-istess konvenuta."*

[4] Ċit 2446/98

Fl-isfond ta' dawn l-insenjamenti tal-ġurisprudenza l-Qorti sejra tgħaddi biex teżamina t-talbiet tal-attriċi.

Hija qegħda titlob sehemha mill-imgħaxijiet u pensjoni skond kif ordnat fis-sentenza tat-28 ta' Ottubru 2010 u ċioe' l-likwidazzjoni u ħlas tal-ammont rappreżentanti –

a. nofs l-imgħaxijiet perċepiti fuq il-kontijiet bankarji sekwestrati bil-mandat numru 2013/1998 mas-soċjeta` Bank of Valletta plc, minn Ġunju 1998 sat-28 ta' Ottubru 2010 (id-data tat-terminazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ġja` eżistenti bejn il-partijiet);

b. nofs il-pensjoni perċepit mill-konvenut mid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali, mill-24 ta' Jannar 1997 sat-28 ta' Ottubru 2010.

Mill-provi mressqa jirriżulta li –

1. Fis-sentenza msemmija **Catherine sive Katie Spiteri vs Innocenzo sive Luzio Spiteri** tat-28 t'Ottubru 2010[5] il-Qorti Ċivili Sezzjoni Familja iddeċidiet is-segwenti b'rilevanza għall-mertu tal-każ odjern -

*"Illi rigward il-kont bankarju sekwestrat bil-mandat numru 2013/98 mal-Bank of Valletta, u li l-imgħaxijiet tiegħu kienu qed jiġu perċepiti minn omm il-konvenut u sussegwenti mill-istess konvenut, skond ix-xhieda tar-rapprezentat tal-bank Joseph Borg Cardona, il-Qorti tosserva li l-attriċi għandha dritt għal nofs l-ammont ta' imgħaxijiet perċepiti fuq dan il-kont, minn Ġunju 1998 . Għalhekk tordna li l-konvenut jħallas lill-attriċi l-ammont rappreżentanti nofs l-imghaxijiet perċepiti minnu minn Ġunju 1998.*

[5] Fol 5 et seq

*Illi rigward il-pensjoni perċepita mill-konvenut mid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali u miżmuma minnu, il-Qorti, tordna li, stante li din il-pensjoni tifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, nofs l-ammont perċepit mill-konvenut mill-24 ta' Jannar 1997 'il quddiem, jitħallas minnu lill-attriċi."*

2. Tressaq bħala xhud **Sean Apap Meli, rappreżentant tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali**[6]. Huwa ppreżenta prospett tal-pensjoni għall-ammonti mħallsa lil Innocent Spiteri għall-perjodu bejn it-28 ta' Jannar 1997 u t-28 t'Ottubru 2010[7]. B'kollox huwa tħallas €67, 780.62.

3. Tressqet ukoll bħala xhud **Joanna Bartolo, rappreżentanta tal-Bank of Valletta plc**[8] li ppreżentat statements li jinkludu imgħaxijiet imħallsa fuq diversi kontijiet intestati f'isem Innocent Spiteri għall-perjodu bejn l-24 ta' Jannar 1997 u t-28 t'Ottubru 2010[9]. Hija tat ukoll dettalji dwar l-imgħaxijiet imħallsa fuq l-istess kontijiet.

4. L-attriċi ppreżentat prospett[10] bażat fuq id-dokumenti esibiti mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali u l-Bank of Valletta plc minn fejn intwera li l-intimat irċieva fil-perjodu li għalih tirreferi l-azzjoni odjerna:

a. Imgħax minn kontijiet bankarji - €164, 333

b. Ħlasijiet ta' benefiċċji soċjali - €67, 760

[6] Fol 222 et seq
[7] Fol 220
[8] Fol 223 et seq
[9] Fol 229 et seq
[10] Fol 338 et seq

It-total ta' dawn l-ammonti huwa €232, 093 u għalhekk skont is-sentenza Rik Nru 1461/96 in-nofs pretiż mill-attriċi huwa ta' €116, 046.50 bl-imgħax skont il-liġi.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Mill-atti rriżulta li nonostante dak li ddeċidiet il-Qorti fis-sentenza tat-28 t'Ottubru 2010 Rik Nru 1461/96 il-ħlas dovut lill-attriċi dwar l-imgħax u l-pensjoni msemmija <u>ma ġiex likwidat sad-data tat-terminazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti.</u> Irriżulta wkoll li fit-12 ta' Awwissu 2016 l-attriċi ntavolat ittra uffiċjali kontra l-konvenut[11] għall-ħlas ta' dak dovut lilha in konnessjoni mas-sentenza msemmija inkluż l-imgħaxijiet u l-pensjoni mertu tal-proċeduri odjerni iżda Innocenzo Spiteri baqa' inadempjenti.

Sal-lum l-attriċi għadha ma rċeviet ebda ħlas mitlub minnha fil-kawża odjerna.
Il-Qorti rat il-provi kollha mressqa partikolarment dawk li jirrigwardaw il-komputazzjoni tal-ammonti ta' ħlas pretiżi mill-attriċi u tikkonkludi li t-talbiet attriċi jimmeritaw li jiġu akkolti b'dana li sejrin jiġu likwidati s-somom kif indikati fil-prospett preżentat fil-11 t'Otubru 2019 a fol 338 et seq tal-proċess, liema somom għandhom jitħallsu mill-konvenut. L-imgħaxijiet fuq is-somma likwidata għandhom jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza Rik Nru 1461/96 ċioe' minn meta d-dovut nonostante mhux determinat ġie stabbilit.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u –

[11] Fol 89 et seq

**1. Tiddikjara li l-attriċi għandha dritt għal sehemha mill-imgħaxijiet u pensjoni skont kif ordnat fis-Sentenza tat-28 ta' Ottubru 2010 fl-ismijiet Catherine sive Katie Spiteri vs Innocenzo sive Lucio Spiteri;**

**2. Tillikwida s-somma ta' tnejn u tmenin elf mija u sitta u sittin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€82,166.50) rappreżentanti nofs l-imgħaxijiet perċepiti fuq il-kontijiet bankarji sekwestrati bil-mandat numru 2013/1998 mas-soċjeta` Bank of Valletta plc, minn Ġunju 1998 sat-28 ta' Ottubru 2010 (id-data tat-terminazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ġja` eżistenti bejn il-partijiet);**

**3. Tillikwida s-somma ta' tlieta u tletin elf tmien mija u tmenin Ewro (€33,880) rappreżentanti nofs il-pensjoni perċepit mill-konvenut mid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali, mill-24 ta' Jannar 1997 sat-28 ta' Ottubru 2010;**

**4. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi l-ammonti hekk likwidati fis-somma totali ta' mija u sittax -il elf u sitta u erbgħin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€116, 046.50).**

**5. Il-konvenut għandu jħallas l-ispejjeż tal-kawża flimkien mal-imgħaxijiet legali dekorribli mit-28 t'Ottubru 2010 (data tas-sentenza Rik 1461/96 fl-ismijiet *Catherine sive Katie Spiteri vs Innocenzo vs Lucio Spiteri*).**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**

**Imħallef**

**Victor Deguara**

**Dep. Reġ.**